# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. D. Clarke LL.D.

Illum 11 ta' Gunju, 2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anne Marie Micallef)**

**vs**

**Derakhti Siamak Martin**

Kumpilazzjoni Nru: 325/2010

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Derakhti Siamak Martin, u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 42673(A) u passaport Svediz numru 80441285.

Talli b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda talli:

Fil-21 ta' Marzu, 2010 ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghodu gewwa r-residenza tieghu u cioe Savoy Gardens, Blk E, Penthouse 19, Triq il-Freres, Gzira u kif ukoll fl-1 ta' April, 2010, ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' filghodu gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tas-Sliema, b' qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanzi, sabiex dan il-fatt jew cirkostanzi jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b' hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

1 U aktar talli fl-istess dati, hinijiet u postijiet msemmija aktar qabel, ghamel denunzja lill-Pulizija Ezekuttiva ta' reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b' mod li setghu nbdew proceduri Kriminali sabiex jizgura li dak ir-reat kien sar.

Rat l-artikoli 110(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma doin l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u min-naha l-ohra l-ammissjoni tieghu fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 110(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-

imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tlett xhur priguneriја li b’aplikazzjoni ta’l-artikolu 28A ta’l-istess Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal pejodu ta’ tmintax il-xahar.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabbilta tieghu u x’jigri jekk jikkometti reat iehor fil-perjodu indikat.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**